# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Seduta tad-Distrett tan-Naxxar**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Lorraine Dimech**

Illum, 12 ta `Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Lorraine Dimech,** 46 sena bint Joseph Sciberras u Maria Stella nee' Tanti, mwieleda Mtarfa fil-15/03/1976 u residenti gewwa "Il-Wegheda", Triq il-Katakombi, Naxxar detentrici tal-karta tal-identita' numru 184776 (M) akkuzata talli nhar l-10 ta' Ottubru, 2023 ghal habta ta' 17:15hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel fi Triq il-Katakombi, Naxxar minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek innfsek lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Stephen u Marisa Pace fil-pussess ta' hwejjieghom b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-affidavit ta' PC 2328 Lilian Attard ipprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Stephen Pace u Marisa Pace fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024;

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024 Stephen Pace u Marisa Pace ikkostitwixxu ruhhom bhala *parte civile*;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024; rat li l-imputat ghazlet li ma tixhidx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta' Malta;

Rat x-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PC 2328 Lilian Attard** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Tiddikjara bil-gurament li l-10 ta' Ottubru 2023 Stephen Pace u Marisa Pace, ghamlu rapport l-ghassa tan-Naxxar. Huma rrapportaw li dak in-nhar ghal habta ta' 17:15 hrs waqt li kienu gewwa r-residenza taghhom, mill-open plan raw haddiema maskili li kien bilwieqfa fuq il-hajt tal-bitha taghhom li jmiss mal-gara taghhom, certa Lorraine Dimech.

Stephen Pace stqarr li dan ir-ragel kien qed jipprova jizbogh ma' l-appogg tas-sinjura Dimech li jmiss ma dan il-hajt, fejn anke' beda' jmiss ma taghhom biz-zebgha. Affaccja lil dan ir-ragel u qallu biex johrog mil-propjeta' tieghu u dan irrispondieh li ghandu dritt jizbogh l-appogg. Insista li jinzel u nizel bis-sellum ghal gol-bitha tal-gara. Dan dahal minghajr ma staqsiehom u minn fejn kien seta' jara kollox god-dar taghhom

Il-koppja Pace stqarrew li rigward dan ir-rapport riedu li jirriehdu proceduri kiriminali rigward li huma ma taw permess lil hadd jidhol fil-propjeta' taghhom.

Stqarrew li l-haddiem kien b' vettura li fuqha kellu numru ta' kuntatt miktub.

Minn stharrieg li sar irrizulta li l-vettura kienet registrata fuq certu Emanuel Galea u l-n-numru tal-kuntatt kien l-istess wiehed li pprovdew il-kwerelanti li kien miktub fuq il-vettura.

Nhar it-13 ta' Ottubru, 2023 is-sur Emanuel Galea gie infurmat bil-kontenut tar-rapport fil-prezenza ta' PS 2001 J Xuereb gewwa l-ghassa tal-Pulizija, Naxxar, fejn huwa gie moghti s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu fejn huwa ghazel li jezercita dan id-dritt, fejn ser jikkonsulta mal-avukat u jerga jirrikorri l-Ghassa tan-Naxxar.

Nhar l-14 ta' Ottubru, 2023 Lorraine Dimech giet mitlkellma dwar dan ir-rapport fil-prezenza ta' PS 2001 J Xuereb gewwa l-Ghassa tan-Naxxar fejn hija giet moghtija s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha fejn hija rifjutat dan id-dritt u iffirmat dikjarazzjoni.

Lorraine Dimech tat il-verzjoni tal-fatti taghha  Hija stqarret li bejna u Stephen Pace hemm proceduri l-Qorti fuq hsarat.  Hija ikkumissjonat lil Emanuel Galea biex issewwi xi hsarat. Is-Sur Galea tela fuq sellum li kien qed izomm il-partner taghha. Pace ma halliex lil Galea jahdem. fil-verzjoni taghha tghid "Irrid nghid li l-haddiem; is-sur Galea dejjem baqa' fuq is-sellum u qatt ma rifes fuq il-propjeta' tas-sur Pace kif jihder fil-video li gbidt jien."

Nhar l-14 ta' Ottubru, 2023 gie mitkellem certu Pierre Borg li taha l-verzjoni tieghu tal-akkadut.

Nhar it-18 ta' Ottubru, 2023 Emanuel Galea rega' gie mitkellem fl-ghassa tan-Naxxar fejn hu rega' gie moghti s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, fejn stqarr li nhar is-17 ta' Ottubru 2023 kien ikkonsulta ma' l-avukat Dr Franco Galea u stqarr li qed jaghzel li jezercita d-dritt tas-silenzju.

**Stephen Pace**, xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Fuq l-incident mertu ta' dawn il-proceduri xehed:

"Xhud: Mela fl-10 ta` Ottubru ghall-habta tal-5.00 ta` filghaxija il-mara dahlet tieghu shower u wara harget bid-dressing gown u jiena dhakt niehu shower warajha warajha il-mara marret tipprepara u kif ġejt lura fil-living room jien għandna bieb kbir tal-ħġieġ li jagħti għal ġol-ġnien u hemm

għandna showroom li għandna ftit il-fuq mit-terrazzin u nara raġel fuq is-saqaf u l-ħajt tagħna b'lasta twila għandu kellu qisu pinzell u kien qed jipprova jċallas fil-fatt iċallas fuq il-ħajt il-ġewwa, kif rajtu hekk ħriġt u ħarġet il-mara għax imbagħad il-mara ikel mara kienet dahra lejh għax kienet qed tagħmel it-te ma ndunatx il-mara meta kienet hemm u ħriġt niġri u għedtlu inżel minnhemm qiegħed fuq il-propjetà tiegħi. U ma tax kasi baqa' jagħmel li qed jagħmel, harġet il-mara wkoll qaltlu biex jinżel minn hemm."

Jixhed li l-hajt tal-bitha huwa tieghu. Il-haddiem kellu sieq wahda fuq il-hajt tieghu u sieq l-ohra fuq is-saqaf tal-kamra tal-banju. Ix-xhud jaghraf lil imputat Emanuel Galea. Ix-xhud tela' hdejh u Emaunel Galea kellmu. Stephen Pace jixhed "x`wieħed għandek jiena rajtha bħala provokazzjoni.". Wara xi ghaxar minuti Emanuel Galea nizel. Sa fratant il-mara cemplet lil pulizija imma ma laqhqux gew. Meta nizel kien hemm il-boy friend tas-sinjura Dimech qed izzomlu is-sellum u hi kienet gewwa nahseb kienet qed tirrekordja xi haga is-sinjura Dimech ghax smajtha titkellem.

**Marisa Pace,** xehdet fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Fix-xhieda taghha ikkonfermat ix-xhieda ta' Stephen Pace. Hija indikat lil Emanuel Galea bhala r-ragel.

Mistoqsija jekk l-imputata Lorraine Dimech kienitx hemm tirrispondi

"Xhud: Jiena ma rajthiex jien rajt dak ir-raġel u għedtlu kif biex jinżel mhux darba darbtejn tliet darbiet fhimt injorani mbagħad beda jkellmu, raġel tiegħi Stephen. Dan invada privatezza tagħna għax jiena kont liebsa ta' ġewwa u. Kif dan bla permess jitla' fuq iċ-ċint tagħna orrajt. "

Ma kienx hemm permess niex jaghmel li kien ha jaghmel.

In kontro-ezami tirrispondi li r-ragel nizel finalment u li fuq dan il-hajt hemm kawza mal-girien fuq dan il-punt u ohrajn.

Ikkunsidrat,

L-imputata Lorraine Dimech hija akkuzata taht l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Warren Abraham SCICLUNA, deciza fit-22 ta' Gunju 2022 (Appell numru 346/2022) fl-liema kaz l-imputat kien gie akkuzat fost impuazzjonijiet ohra taht l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9

F' din is-sentenza il-Qorti tal-Appell irriteniet li

> " 32. L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew ukoll ritenuti, bħala li huma s-segwenti:[1]
>
> > a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
> >
> > b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
> >
> > c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l process legali;
> >
> > d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;[2]

Ikkunsidrat,

Illi il-parte civile ghamlu rapport ghaliex mit-tieqa taghhom raw haddiem li wara irrizulta li kien Emanuel Galea "fuq is-saqaf u l-ħajt tagħna b'lasta twila għandu kellu qisu pinzell u kien qed jipprova jċallas fil-fatt iċallas fuq il-ħajt il-ġewwa."

Jirrizulta li bejn il-parte civile u l-imputata Lorraine Dimech, il-gara tal-*parte civile,* hemm pendenza ta' natura civile fuq il-hajt in kwisjoni.

Illi fir-rigward tal-akkuzi kontra Lorraine Dimech, ix-xhud Marisa Pace ma rahtiex u Stephen Pace jahseb li semghaha. Apparti l-pulizija li hadet ir-rapport ma hemm ebda' xhieda ohra. L-imputata Lorraine Dimech ghazlet li ma tixhidx f' dawn il-proceduri. Fl-

[1] Ara fost oħrajn, Il-Pulizija vs. Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2014, Il-Pulizija vs. Mario Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2004, Il Pulizija vs. Michael Lungaro deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 2003 u Il-Pulizija vs. Eileen Said deċiża nhar id-19 ta' Ġunju 2002 ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

istatement li tat lil pulzija Lorraine Dimech cahdet li l-haddiem Emanuel Galea qatt rifes fuq il-hajt tas-sinjuri Pace.

Illi apparti minn hekk ma jirrizultax li l-*parte civile* b' xi att estern gew impeduti minn dritt ta' tgawdija ta' hajt li huwa mertu ta' proceduri civili bejniethom u l-imputata Lorraine Dimech.

Illi l-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet qed tikkunsidra li l-imputazzjoni ma gietx ipprovata fil-grad rikjest mill-ligi ghal sejbien ta' htija fil-kamp penali.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligiijiet ta' Malta qed issib lil imputata **Lorraine Dimech** mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qed tilliberaha minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**